



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Baġits

2010/2266(BUD)

11.11.2010

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda
(COM(2010)0631 – C7-0361/2010 – 2010/2266(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Barbara Matera

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .. **Error! Bookmark not defined.**

ANNEX: DECISION OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL
.....**Error! Bookmark not defined.**

EXPLANATORY STATEMENT.....**Error! Bookmark not defined.**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni,
skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament
Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni
finanzjarja soda
(COM(2010)0631 – C7-0361/2010 – 2010/2266(BUD))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0631 – C7-0361/2010),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹, u b' mod partikolari l-punt 28 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni² (ir-Regolament dwar l-EGF),
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0000/2010),
- A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex tipprovdi għajnuna addizzjonali lill-ħaddiema li qed ibatu mill-konsegwenzi ta' bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet kummerċjali dinjija u biex tgħin l-integrazzjoni tagħhom mill-ġdid fis-suq tax-xogħol,
- B. billi l-ambitu tal-EGF twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 'l quddiem biex jinkludi s-sostenn għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali,
- C. billi l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li ġew issensjati għandha tkun dinamika u disponibbli kemm jista' jkun malajr u b' mod effiċjenti kemm jista' jkun, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 rigward l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mmobilizzat l-EGF,
- D. billi l-Polonja talbet l-assistenza fir-rigward ta' każijiet li jikkonċernaw 189 sensja f'H. Cegielski-Poznań u erba' mill-fornituri tagħha, li joperaw fis-settur tal-manifattura tal-magni diżil tal-baħar,
- E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament dwar l-

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

EGF,

1. Jitlob lill-istituzzjonijiet involuti biex jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex iħaffu l-mobilizzazzjoni tal-EGF;
2. Ifakkar fl-impenn li għandhom l-istituzzjonijiet li jassiguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-EGF, jipprovdu appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien immirat biex jgħin lill-ħaddiema li jkunu sofrew sensji bħala riżultat tal-globalizzazzjoni u l-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza r-rwol li l-EGF jista' jwettaq fir-riintegrazzjoni tal-ħaddiema ssensjati fis-suq tax-xogħol;
3. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar l-EGF, għandu jkun żgurat li l-EGF jappoġġa r-riintegrazzjoni individwali tal-ħaddiema ssensjati fix-xogħol; itenni li għajnuna mill-EGF m'għandhiex tiegħu post azzjonijiet li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi, u lanqas m'għandha tiegħu post miżuri ta' ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
4. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta fuq il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandu jiġi ffinanzjat mill-EGF tinkludi tagħrif dettaljat dwar il-komplementarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-istedina tiegħu li tiġi ppreżentata evalwazzjoni komparattiva ta' din id-data anki fir-rapporti annwali tiegħu, inkluża evalwazzjoni tal-effetti li għandhom dawn is-servizzi temporanji u personalizzati fuq ir-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol, fuq perjodu twil, tal-ħaddiema ssensjati;
5. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li, fil-kuntest tal-mobilizzazzjoni tal-EGF, ġie propost mill-Kummissjoni sors alternattiv ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-Fond Soċjali Ewropew li ma jkunx intuża, wara t-tfakkiriet frekwenti mill-Parlament Ewropew li l-EGF inħoloq bħala strument speċifiku separat bl-oġġettivi u l-iskadenzi tiegħu proprji u li linji baġitarji xierqa għat-trasferimenti għandhom għalhekk jiġu identifikati;
6. Jinnota madankollu li, bil-għan li l-EGF jiġi mmobilizzat għal dan il-każ, l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet se jiġu ttrasferiti minn linja baġitarja ddedikata għall-appoġġ lill-SMEs u l-innovazzjoni; jiddispijaċih minħabba n-nuqqasijiet severi tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-programmi dwar il-kompetittività u l-innovazzjoni, partikolarment waqt kriżi ekonomika li għandha żżid b'mod sinifikanti l-bżonn ta' appoġġ bħal dan;
7. Ifakkar li t-tħaddim u l-valur miżjud tal-EGF għandhom ikunu evalwati fil-kuntest tal-valutazzjoni ġenerali tal-programmi u ta' strumenti varji oħra maħluqa mill-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 fi ħdan il-proċess ta' rieżami ta' nofs il-perjodu tal-qafas finanzjarju multiannwali 2007-2013;
8. Jilqa' b'sodisfazzjon il-format il-ġdid tal-proposta tal-Kummissjoni, li fil-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha tippreżenta informazzjoni ċara u dettaljata dwar l-applikazzjoni, tanalizza l-kriterji ta' eliġibilità u tispjega r-raġunijiet li wasslu għall-approvazzjoni tagħha, li hu konformi mat-talbiet tal-Parlament;
9. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' xxx

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/006 ES/PL/H Cegielski-Poznań mill-Polonja)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,
Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni², u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,
Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea³,
Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) twaqqaf biex jipprovdi sostenn addizzjonali għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat ta' bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni u biex jgħinhom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-ambitu tal-EGF twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 'l quddiem biex jinkludi s-sostenn għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-EGF sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) Il-Polonja ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-EGF, fir-rigward ta' sensji fl-intrapriża H. Cegielski-Poznań Poland S.A., fit-8 ta' Marzu 2010 and ssupplementata b'informazzjoni addizzjonali sal-10 ta' Awwissu 2010. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni, għalhekk, tipproponi li jiġi mobilizzat l-ammont ta' EUR 114 250.
- (5) L-EGF għandu, għalhekk, jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mill-Polonja.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond Ewropew ta'

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

³ ĠU C [...], [...], p. [...].

Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 114 250 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

NOTA SPJEGATTIVA

I. Sfond

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) inholq bil-għan li jipprovdi għajjnuna addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu mill-konsegwenzi ta' bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet kummerċjali dinjija.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹ u tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006², il-Fond ma jistax jaqbeż ammont massimu ta' EUR 500 miljun, miġbuda minn kwalunkwe marġni li jinsab taħt il-limitu massimu tan-nefqa globali mis-sena preċedenti, u / jew mill-appropriazzjonijiet għall-impenji mħassra mis-sentejn preċedenti, bl-esklużjoni ta' dawk relatati mal-Intestatura 1b. L-ammonti xierqa jiddaħħlu fil-baġit bħala dispożizzjoni hekk kif ikunu ġew identifikati l-marġni suffiċjenti u / jew l-impenji mħassra.

Rigward il-proċedura, sabiex jiġi attivat il-Fond, fil-każ ta' valutazzjoni pożittiva ta' applikazzjoni, il-Kummissjoni tippreżenta lill-awtorità baġitarja proposta għall-mobilizzazzjoni tal-Fond u, fl-istess ħin, tagħmel talba korrispondenti għat-trasferiment. B'mod parallel, jista' jiġi organizzat trijalogu bil-għan li jinstab qbil fuq l-użu tal-Fond u fuq l-ammonti meħtieġa. It-trijalogu jista' jsir f'forma ssimplifikata.

II. Is-sitwazzjoni attwali: Il-proposta tal-Kummissjoni

Fil-5 ta' Novembru 2010 l-Kummissjoni adottat proposta ġdida għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-EGF favur il-Polonja sabiex il-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali jiġu meġġjuna fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

Din hija l-wieħed u tletin applikazzjoni li se tiġi eżaminata fil-baġit 2010 u tirreferi għall-mobilizzazzjoni ta' ammont globali ta' EUR 114 250 mill-EGF għall-Polonja. Hija tikkonċerna 658 sensja (li minnhom 189 huma indikati li se jirċievu l-assistenza) fl-intrapriża H. Cegielski-Poznań u erba' mill-fornituri tagħha, li joperaw fis-settur tal-manifattura tal-magni diżil tal-baħar fl-ibliet ta' Poznań u Powiat ta' Poznań, matul il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur mill-1 ta' Settembru 2009 sal-1 ta' Jannar 2010.

Din l-applikazzjoni, il-każ EGF/2010/006/PL/H. Cegielski-Poznań tressqet quddiem il-Kummissjoni fit-8 ta' Marzu 2010 u kienet supplimentata b'taġġrif addizzjonali sal-10 ta' Awwissu 2010. L-applikazzjoni kienet ibbażata fuq il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(a) tar-Regolament EGF, li jitlob li jkun hemm mill-anqas 500 sensja fuq perjodu ta' erba' xhur f'intrapriża, inklużi l-fornituri tagħha u jinstabu aktar l-isfel fil-proċess tal-produzzjoni (downstream), u tressqet fi żmien l-iskadenza ta' 10 ġimgħat (Artikolu 5 tar-Regolament).

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq l-evalwazzjoni tar-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet kummerċjali dinjija jew il-kriżi finanzjarja, in-natura

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

imprevedibbli tas-sensji kkonċernati, it-turiġa tal-ġhadd ta' sensji u l-konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2 (a), l-ispjegazzjoni tan-natura imprevedibbli ta' dawk is-sensji, l-identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u tal-ħaddiema indikati għall-assistenza, it-territorju kkonċernat u l-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu, l-impatt għas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali, il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati li għandhom jiġu ffinanzjati, inkluża l-kompatibilità tiegħu ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali, id-dati li fihom is-servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati nb dew jew kienu pplanati li jibdew, il-proċeduri biex ikunu kkonsultati s-sħab soċjali, u s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll.

Skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji tal-eliġibilità stabbiliti fir-Regolament EGF u tirrakkomanda lill-Awtorità Baġitarja li tapprova l-appikazzjoni.

Bil-ġhan li timmobilizza l-Fond, il-Kummissjoni ressqet lill-Awtorità Baġitarja talba ta' trasferiment (DEC 47/2010) għal ammont globali ta' EUR 114 250 mir-riżerva tal-EGF (40 02 43) f'impenji u mil-linja tal-baġit 'Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni – Programm għall-intraprenditorija u l-innovazzjoni' (01 04 04) fi ħlasijiet għall-linji tal-baġit EGF (04 05 01).

Ir-Rapporteur għandha pjaċir tosserva li l-Kummissjoni identifikat sors alternattiv ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-Fondi mhux użati tal-FSE, b'konformità mat-talbiet li spiss saru mill-Parlament Ewropew.

Madankollu, hija tqis li l-ġhażla li saret f'dan il-każ (linja tal-baġit iddedikata għall-appoġġ tal-intraprenditorija u l-innovazzjoni) mhijiex waħda sodisfaċenti meta jitqiesu n-nuqqasijiet severi li l-Kummissjoni tiltaqa' magħhom fl-implimentazzjoni tal-programmi dwar il-kompetittività u l-innovazzjoni. F'perjodu ta' kriżi ekonomika dawn l-approprijazzjonijiet għandhom fil-fatt jiżdiedu mhux ħażin. Hija tistieden għalhekk lill-Kummissjoni tkompli bl-isforz tagħha biex tidentifika linji tal-baġit aktar xieqa għall-ħlasijiet fil-ġejjieni.

Il-Ftehim Interistituzzjonali jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.

Fl-2010, l-Awtorità Baġitarja diġà approvat wieħed u għoxrin proposta għall-mobilizzazzjoni tal-Fond u trasferiment għall-ġhajnuna teknika, għal ammont totali ta' EUR 65 378 668, li meta jiżdied mal-ammont addizzjonali ta' EUR 16 728 338 relatat mal-proposti l-oħra li qed jiġu diskussi (inkluża dik preżenti), iħalli ammont ta' EUR 417 892 994 disponibbli sal-aħħar tal-2010.

III. Proċedura

Il-Kummissjoni ppreżentat talba ta' trasferiment¹ bil-ġhan li fil-baġit tal-2010 jiddaħħlu approprjazzjonijiet speċifiċi għall-impenji u għall-ħlasijiet, kif mitlub fil-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

It-trialogu dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-EGF

¹ DEC 47/2010 tal-5 ta' Novembru 2010

jista' jieħu forma simplifikata (skambju ta' ittri), kif previst fl-Artikolu 12(5) tal-bażi legali, sakemm ma jkun hemm ebda qbil bejn il-Parlament u l-Kunsill.

Skont ftehim intern, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) għandu jkun assoċjat mal-proċess, sabiex jipprovdi appoġġ u kontribut kostruttivi għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-Fond.

Wara l-evalwazzjoni tiegħu, il-Kumitat EMPL tal-Parlament Ewropew se jagħti l-fehma tiegħu dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond, li se tkun mehmuża mar-rapport preżenti.

Id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, ikkonfermat kemm hu importanti li tiġi żgurata proċedura rapida bir-rispett dovut għall-Ftehim Interistituzzjonali għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond.